IX-XGĦAJRA

Minuti tal-Laqgħa Nru25 (ħamsa u għoxrin) tat-tmien (8) legislatura, tal-Kunsill Lokali x-Xgħajra li saret fil-bini amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar il-Erbgħa 14 ta' Ottubru, 2020, fil-5.30pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Neil Attard |
| Viċi Sindku | Rosabelle Pulis |
| Il- Kunsilliera | Anthony Valvo |
| | Raymond Camilleri |
| | Mary Doris Borg |
| **L-Uffiċjal** | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |

Is-Sur Neil Attard ippresedja l-laqgħa.

**25.1. Item Nru 25.1 fuq l-Aġenda –Attendenza u apoloġiji.**

25.1.1 Il-Laqgħa bdiet fis-5.45pm u kulħadd kien preżenti

**25.2. Item Nru. 25.2 fuq l-Aġenda –** Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

25.2.1. il-Minuti tal-laqgħa 23 u 24 ittieħdu bħala moqrija u bi qbil unanimu ġew approvati.

**25.3 Item Nru. 25.3 fuq l-Aġenda -** Komunikazzjoni mis-Sindku

25.3.1 Is-Sindku Neil Attard tkellem fuq it-tender tal-knis li ser jibda l-proċess biex jinkiteb u eventwalment jiġi ppublikat. Is-Sa. Rosabelle xtaqet tirrimarka li hi xorta ma taqbilx li l-ħaxix, minn siti partikulari, jiddaħħal f'dan it-tender.

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra XJR1360 – Malta
Tel: 21693269
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

25.3.2 Is-Sindku qal li ser nitolbu laqgħa mal-Perit Charles Buhagiar dwar il-proġett tal-boċċi fil-parti tal-isports complex sabiex naraw l-istima kemm ser jiswa u eventwalment napplikaw il-Planning Authority.

25.3.3 Is-Sindku qal li s-sala ta' taħt il-bandli għandha tinkera mil-aktar fis. Il-Kunsill qabel li nerġgħu inkellmu lil Perit sabiex itina dettalji ta' kemm għandha tinkera.

25.3.4 Is-Sindku qal li għad hemm kont pendenti ta' tile laying li sar fil-premises li jużaw il-klabb tal-futbol. Dan kien sar ftehim dwaru xi xhur ilu pero għad irid iġib il-karti. Il-valur ser ikun ta' €1,600.

**25.4 Item Nru 25.4 fuq l-Aġenda – Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

25.4.1 Is-Sa. Rosabelle Pulis staqsiet għaliex il-latrina ġiet tiswa aktar milli ppjanajna. Is-Sindku qal li ix-xogħol ta' madum tal- ħajt fil-bidu kien maħsub li jsir sa nofs il-ħajt imbgħad ġie deċiż li jsir kollu sas-saqaf.

25.4.2 Is-Sa. Doris Borg staqsiet jistax jiġi rranġat il-ħajt tas-sejjiegħ ta' Triq l-Iskola għaliex qiegħed jaqa'. Is-Segretarju qal li ser jiddaħħal fil-proġramm ta' xogħol tal-ħaddiema assenjati.

25.4.3 Is-Sa. Borg staqsiet ukoll jistax jinqata' l-qasab ta' Triq l-Iskola kantuniera ma' Triq Dwardu Ellul għaliex qiegħed joħroġ għan-nofs. Is-Segretarju ħa nota u ser jiddaħħal fil-programm ta' xogħol tal-ħaddiema assenjati.

25.4.4 Is-Sa. Borg staqsiet kull kemm titbattal l-iskip tal-ħwejjeg u aċċessorji. Is-Segretarju qal li jiġu *at random* pero hemm numru fuqha u meta tkun mimlija nistgħu inċemplulhom.

25.4.5 Is-Sur Anthony Valvo staqsa dwar il-laqgħa li l-Kunsill kellu mad-Direttur Generali Ramon Deguara. Is-Segretarju qal li s-Sur Deguara qalilna ċar li mhux possibbli li jsir mid-Direttorat tiegħu pero ser jipprova japplika għal fondi speċjali.

25.4.6 Is-Sur Raymond Camilleri staqsa dwar il-culvert ta' ħdejn il-pet shop f'wesgħet il-ħelsien. Il-Kunsill qabel li għalissa ma jistax isir minn fondi tal-Kunsill pero jista jiddaħħal fi programm ta' xogħol u napplikaw għal Development Funds.

25.4.7 Is-Sa. Pulis staqsiet lis-Sindku dwar is-social workers li ser ikunu qed jagħmlu sessjonijiet fiċ-Ċentru Ċiviku dettalji biex tajjeb wieħed itellaħħhom fuq il-pagna tal-media soċjali.

25.4.8 Is-Sur Camilleri staqsa dwar il-jogging track jekk għandnix xi aġġornament dwarha. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li bħala Kunsill tlabna lill-Ministeru tal-Finanzi sabiex jalloka l-ammont kollu dak ta' €1.4M flok €750,000 wara li l-istima tal-Perit Bezzina ġiet riveduta. Mill-Ministeru tal-Finanzi propju d-Direttur is-Sur Mark Borg qalilna li t-talba tagħna qed tistenna l-eżitu tagħha mat-tħabbir tal-Budget 2021.

**25.5 Item Nru. 25.5 fuq l-Aġenda – Rapporti Finanzjarji**

25.5.1 Ir-Rapport Finanzjarju ġie diskuss u approvat unanimament

**25.6 Item Nru. 25.6 fuq l-Aġenda - Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

25.6.1 Is-Segretarju ipprezenta tlett stimi ta' dekorazzjonijiet tal-Milied għal din is-sena. Il-Kunsill qabel li jagħżel dik ta' Joseph Grech li tlaħħaq €2,000. Wara diskussjoni ġie deċiż li inżidu tiżjin fi Triq l-Ispnott ukoll u bħala supply tad-dawl nitolbu lil tal-Knisja. Kulħadd qabel ma' dan.

**25.7 Item Nru. 25.7 fuq l-Aġenda - Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

25.7.1 Pagamenti b'numru 97 ġew approvati unanimament.

**25.8 Item Nru. 25.25 fuq l-Aġenda – Mozzjonijiet**

25.25.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**25.9 Item Nru. 25.9 fuq l-Aġenda - Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

25.9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.27pm

Aġġornament għal-nhar il-Ġimgħa 20 ta' Novembru, 2020 fil-5.30pm

| | |
|---|---|
| Iffirmat | Iffirmat |
| ________________________ | ________________________ |
| Ranier Busuttil | Neil Attard |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra XJR1360 – Malta
Tel: 21693269
E-Mail xghajra.lc@gov.mt